Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9580 — Permira/Smith & Williamson)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 386/10)

1. Fis-6 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Tilney Group Limited ("Tilney", ir-Renju Unit), li fl-aħħar nett hija kkontrollata minn Permira Holdings Limited ("Permira", Guernsey),

— Smith & Williamson Holdings Limited ("Smith & Williamson", ir-Renju Uni).

Tilney takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll ta' Smith & Williamson kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Permira hija negozju ta' ekwità privata involuta fil-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-investiment lil numru ta' fondi tal-investiment. Permira tikkontrolla għadd ta' kumpaniji tal-portafoll li huma attivi f'varjetà ta' setturi tul firxa ta' ġurisdizzjonijiet.

— Tilney hija ditta indipendenti li tiġġestixxi l-ġid, b'uffiċċji mxerrda mar-Renju Unit kollu. Hija primarjament attiva f'li tipprovdi ippjanar finanzjarju, ġestjoni tal-investimenti, u servizzi ta' konsulenza lil klijenti privati.

— Smith & Williamson hija ditta indipendenti ta' servizzi finanzjarji u professjonali, b'uffiċċji mxerrda mar-Renju Unit kollu u fl-Irlanda. Smith & Williamson toffri servizzi professjonali, finanzjarji u ta' ġestjoni ta' investimenti lill-individwi u lin-negozji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9580 — Permira/Smith & Williamson

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+ 32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË